

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Diċembru 2011 —
ACEA vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-319/09 P)

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna mogħtija lil impriżi ta' servizz pubbliku — Eżenzjonijiet fiskali — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Locus standi — Interess ġuridiku — Artikolu 87 KE — Kunċett ta' 'għajnuna' — Artikolu 88 KE — Kunċett ta' 'għajnuna ġdida' — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 1 u 14 — Legalità ta' ordni ta' rkupru — Obbligu ta' motivazzjoni”

1. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali — Rikors ta' impriża li bbenefikat minn għajnuna individwali mogħtija taħt din l-iskema u li għandha tiġi rkuprata — Ammissibbiltà (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE) (ara l-punti 54-59)*
2. *Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Kundizzjoni — Rikors li jista' jirriżulta f'benefiċċju għall-parti li ppreżentatu — Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat (ara l-punti 67-69)*
3. *Appell — Aggravji — Insuffiċjenza ta' motivazzjoni — Użu ta' motivazzjoni impliċita mill-Qorti Ġenerali — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53) (ara l-punt 82)*
4. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 114-116)*
5. *Appell — Aggravji — Aggravju fformulat kontra motiv ta' sentenza li ma huwiex neċessarju sabiex jiġi ġġustifikat id-dispożittiv tagħha — Aggravju ineffettiv (ara l-punt 120)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali) (It-Tmien Awla Estiża) tal-11 ta' Ġunju 2009, ACEA vs Il-Kummissjoni (T-297/02), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet talba għall-annullament tal-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/193/KE, tal-5 ta' Ġunju 2002, dwar għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' eżenzjonijiet fiskali u self b'kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija mill-Italja lil impriżi tas-servizz pubbliku b'kapital azzjonarju, fil-parti l-kbira, pubbliku (ĠU L 77, p. 21).

Dispożittiv

- 1) L-appelli prinċipali u inċidentali huma miċħuda.
- 2) ACEA SpA hija kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-appell prinċipali.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-appell inċidentali.
- 4) Iride SpA għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Diċembru 2011 — A2A, li kienet AEM vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-320/09 P)

“Appell — Għajjnuna mill-Istat — Skemi ta' għajjnuna mogħtija lil impriżi ta' servizz pubbliku — Eżenzjonijiet fiskali — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Locus standi — Interess ġuridiku — Artikolu 87 KE — Kunċett ta' 'għajjnuna' — Artikolu 88 KE — Kunċett ta' 'għajjnuna ġdida' — Artikolu 10 KE — Obbligu ta' kooperazzjoni leali — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 1 u 14 — Legalità ta' ordni għall-irkupru — Prinċipju ta' ċertezza legali — Obbligu ta' motivazzjoni”